MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Numru 640/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**SANDRO SCHEMBRI ADAMI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Sandro Schembri Adami ta' 41 sena, iben Frans u Yvonne nee' Brincat, imwieled Valletta fis-25 ta' Awissu 1963 u residenti 15, Flat 17, Vincenti Buildings Valletta. Detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru 488863 (M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Dicembru 2004 u fiz-zmien ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn somma ta' flus li globalment tilhaq l-ammont ta' LM 575, liema somma ta' flus kienet tappartjeni lil Lisa Micallef u Kevin Apap u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe li jigu kkonsenjati lil Gvern ta' Malta bhala hlas ta' bolol ghad-detriment tal-istess persuni imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 (1b) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat.

L-imputat ikkonferma li m'ghandux htiega li jkun assistit minn avukat.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok KB3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Sandro Schembri Adami, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Sandro Schembri Adami ghall-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Sandro Schembri Adami jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Sandro Schembri Adami l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------